TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 139/12-F

**Jessica Casha**
**vs**
**Daniela Sammut eżerċenti l-kummerċ bħala Daniela's Unisex Hair Salon**

Illum 5 ta' Novembru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-1 ta' Ġunju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tmenin ewro (€80), rappreżentanti trattament ħażin li ngħatat ta' xagħarha sabiex ma jibqax nokkli.

L-intimata ippreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimata li hija rappreżentanta tad-ditta ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet għamlet trattament tax-xagħar sabiex ma jibqax nokkli, u ħallset tmenin ewro (€80), u kif ukoll disa' ewro (€9) għal shampoos, imma t-trattament xorta ma rnexxiex anzi xagħarha ġie *frizzy* kollu, u għalhekk qed titlob il-flus lura.

L-intimata daparti tagħha ssottomettiet illi pruvat tagħmel minn kollox sabiex tgħin lill-klijenta. Illi rifużjoni ma kienx applikabbli mingħand il-kumpanija iżda minflok offrewlha trattament ieħor b'xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra lir-rikorrenti, jinnota illi t-trattament ma sarx tajjeb u ma rnexxiex.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lill-intimata tħallas l-ammont ta' sebgħin ewro (€70), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**